TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Marija Saliba

vs

EuroSport Birkirkara

CCT 34/17/MS

10 ta' Lulju 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent tat-8 ta' Frar 2017 fejn talbet lil dan it-Tribunal li tikundanna lis-socjeta konvenuta li tirrifondi lir-rikorrenti is-somma ta' €95.00, prezz ta' zarbun mixtri minghand is-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata ipprezentata fl-1 ta' Marzu 2017 fejn cahdet kull responsabbilta' ghall-hsara illi gralu z-zarbun mixtri minghandha.

Ra l-atti kollha processwali.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrenti xtrat zarbun tad-ditta Adidas minghand id-ditta konvenuta ghal prezz ta' €95.00. Skond ir-rikorrent dan iz-zarbun xtratu fl-ahhar ta' Gunju ghat-tifel taghha li uzah darba jew darbtejn biss meta mar ghall-festa tal-lokal. Meta marret biex tahslu parti mill-gilda tqaxxret kif jidher mir-ritratt ezebit f'dawn l-atti. Kontro-ezaminata r-rikorrenti ammettiet illi tahsel il-qiegh bil-broxk u gieli uzat skieken bil-ponta biex tnehhi g-gebel minn taht. Fi kliemha: "Wara norokhom u gieli naqla l-lazz u gieli le umbaghad imnhallihom biex jinxfu."

Mary Bonello, in rapprezentanza tas-socjeta' intimata tghid illi meta r-rikorrenti marret tilmenta fl-istabbiliment tas-socjeta' konvenuta, qalet l-isales girl illi dan iz-zarbun dahhlitu go friskatur, ghorkitu bi brush u gralu li gralu. Mary Bonello tghid illi dan iz-zarbun kien tal-gilda u li mhux suppost jitnaddaf b'dak il-mod.

Ikkunsidra

It-Tribunal jidhirlu illi x-xhieda moghtija minn Mary Bonello hija aktar verosimili fis-sens illi l-hsara li tidher fuq iz-zarbun fir-ritratt ezebit hija konsegwenza ta' tindif aggressiv illi qaxxar il-wicc tal-gilda. Ir-rikorrenti tammetti illi toghrok iz-zraben sabiex tnaddafhom, imma evidentement biex gabet iz-zarbun f'dak l-istat ghorkitu wahda sew. Dan huwa maltrattament mhux rakkomandat mill-manifattur taz-zarbun u jekk gralu xi hsara dana huwa tort tar-rikorrenti u mhux ghax iz-zarbun kellu xi haga hazina. Fir-ritratt jidher li z-zarbun huwa intatt minghajr l-anqas tinja hlief ghal din il-qoxra mtajra mill-wicc konsegwenza tal-agir goff tar-rikorrenti. Ta' dan it-Tribunal ma jidhirlux li ghandha tahti s-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad it-talba tar-rikorrenti.
Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru